



Fajl għall-istampa

20 Sena mill Adeżjoni ta' 10 Stati mal Unjoni Ewropea: Mument Kostituzzjonali Ġdid għall-Ewropa

Kontenut

A Impatt ġenerali.....	2
Introduzzjoni.....	2
Organizzazzjoni u funzjonament	2
Ġurisprudenza storika	3
Kontenzjuż u volum ta' xogħol	3
Evoluzzjoni ġenerali tal-attività ġudizzjarja (rinviji għal deċiżjoni preliminari) (2004-2024)	4
Il-bini6	

A Impatt ġenerali

Introduzzjoni

Adeżjonijiet ġodda, Istituzzjoni li qed tikber. Il-bini ta' futur komuni għall-pajjiżi Ewropej kollha sar f'diversi stadji, mill-għada tat-Tieni Gwerra Dinjija sal-lum. B'sitt pajjiżi fundaturi fl-1957, il-Komunità Ewropea, imbagħad l-Unjoni Ewropea (UE) kibret pass pass sabiex laħqet 27 membru illum.

Mit-tkabbir suċċessiv kollu, dak tal-2004 kien l-iktar wieħed importanti għal dak li jirrigwarda d-daqs. Fil-fatt, fl-1 ta' Mejju 2004, l-Unjoni laqgħet f'daqqa għaxar Stati Membri ġodda: ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja. Għalhekk, in-numru ta' Stati Membri żdied minn 15 għal 25.

X'kien l-impatt ta' dan l-avveniment maġġuri fuq l-Istituzzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-organizzazzjoni u l-funzjonament tagħha, kif ukoll il-volum ta' xogħol tagħha?

Organizzazzjoni u funzjonament

- 10 Imħallfin inħatru fil-Qorti tal-Ġustizzja, 10 fil-Qorti Ġenerali ([Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tal-Istati Membri l-ġodda](#)).
- In-numru ta' Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja ma nbidilx fl-2004 u baqa' stabbilit għal 8. Kien biss fl-2013 li n-numru ta' Avukati Ġenerali żdied għal 11 (it-Trattat jipprevedi li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill, li jiddeċiedi b'mod unanimu, sabiex iżid in-numru ta' Avukati Ġenerali - konformement mad-[Dikjarazzjoni Nru 38 annessa mat-Trattat ta' Lisbona](#)).
- Bl-għan li jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali jindirizzaw l-isfidi tat-tkabbir, it-Trattat ta' Nice introduċa ċerti emendi għall-integrazzjoni tal-Imħallfin il-ġodda u l-ġestjoni tal-volum ta' xogħol supplimentari:
 - il-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali ma baqgħux neċessarjament jingħataw f'kull kawża. Għalhekk, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li kawża ma tqajjem ebda kwistjoni ta' liġi ġdida, hija tista' tiddeċiedi, wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet
 - Ġiet stabbilita rabta bejn **in-numru tal-Istati Membri u dak tal-Imħallfin**. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, dan in-numru huwa ugwali għal dak tal-Istati Membri. Għall-Qorti Ġenerali, dan għandu jkun *tal-inqas* ugwali għal dan in-numru, u b'hekk tinfetaħ it-triq għal eventwali żieda fin-numru ta' Mħallfin tagħha.
 - Inħolqot **Awla Manja** li l-Istatut jiffissa n-numru tagħha għal tlettax (li sar ħmistax illum). Dan il-kulleġġ ġudikanti, li quddiemu jitressqu l-iktar kawżi importanti, għandu jkun ippresjedut mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Viċi President jagħmel wkoll parti minnu.
 - It-**tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali** inbidel: il-Qorti Ġenerali issa hija kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni fl-ewwel istanza tar-

rikorsi diretti kollha, bl-eċċezzjoni ta' ċerti rikorsi speċifiċi.

- Il-Qorti Ġenerali saret kompetenti sabiex tiegħu konjizzjoni ta' **domandi preliminari** f'oqsma speċifiċi stabbiliti mill-Istatut. Din il-kompetenza għadha ma ġietx implimentata sal-lum. Madankollu, f'Novembru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja ressqet talba leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex, minn naħa, il-kompetenza għal deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja f'sitt oqsma speċifiċi (it-taxxa fuq il-valur miżjud, id-dazji tas-sisa, il-kodiċi doganali, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, il-kumpens u l-assistenza tal-passiġġieri, kif ukoll l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra) tiġi ttrasferita lill-Qorti Ġenerali u, min-naħa l-oħra, jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni preliminari tal-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali (li inizjalment kien daħal fis-seħħ f'Mejju 2019).
- F'termini ta' persunal, **in-numru ta' persunal assenjat lill-Istituzzjoni żdied** minn 1010 (fl-2000), għal 1140 (fl-2003) sabiex laħaq 1641 (fl-2004).

Sena	2000	2003	2004	2005	2007	2010	2015	2020	2022	2023
Impjiegi stabbiliti fil-baġit	1010	1140	1641	1743	1882	1927	1998	2073	2110	2 302

- Barra minn hekk, il-baġit tal-istituzzjoni żdied ukoll.

Sena	2000	2003	2004	2005	2007	2010	2015	2020	2022	2023
Baġit M€	131.3	150.6	235	229	272.2	329.3	357.1	436.6	464.8	486


Ġurisprudenza storika

Fil-kuntest tal-adeżjoni 2004, l-Istituzzjoni għażlet lista inizjali ta' 57 sentenza mill-1954 sal-2000, inizjalment tradotti u rriveduti miċ-ċentri nazzjonali ta' traduzzjoni u ffinalizzati mid-diviżjonijiet lingwistiċi tal-Qorti tal-Ġustizzja (https://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo2_14955/mt/).

Kontenzjuż u volum ta' xogħol

- Il-kontribut tal-Istati Membri li ssieħbu fl-2004 fil-kostruzzjoni legali Ewropea kien sinjifikattiv: mill-1 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Marzu 2024 kien hemm total ta' **1202** rinviji għal deċiżjoni preliminari li ġew ippreżentati mill-qradi tal-10 Stati Membri msieħba.
- L-ewwel domandi preliminari kienu diġà tressqu fl-2004 (2 kawżi mill-Ungerija).

- In-numru ta' rinviġi baqa' relattivament baxx matul l-ewwel snin (fl-2006 inqas minn 10). Sussegwentement dan għadda minn żieda sinjifikattiva (20 fl-2008, 45 fl-2011, 65 fl-2014, 103 fl-2020), qabel ma żamm stabbli fil-livell attwali (120 fl-2023).




Evoluzzjoni ġenerali tal-attività ġudizzjarja (rinviġi għal deċiżjoni preliminari) (2004-2024 ¹)

Snin	Ir-Repubblika Ċeka	L-Estonja	Ċipru	Il-Latvja	Il-Litwanja	L-Ungerija	Malta	Il-Polonja	Is-Slovenja	Is-Slovakkja
2004	0	0	0	0	0	2	0	0	0	0
2005	1	0	0	0	0	3	0	1	0	0
2006	3	0	0	0	1	4	0	2	0	1
2007	2	2	0	0	1	2	0	7	0	1
2008	1	2	1	3	3	6	0	4	0	0
2009	5	2	1	4	3	10	1	10	2	1
2010	3	0	0	3	2	6	0	8	1	5
2011	5	1	0	10	1	13	0	11	1	3
2012	7	5	0	5	2	18	1	6	0	9
2013	7	3	3	5	10	20	0	11	1	4
2014	6	0	2	7	6	23	0	14	4	3
2015	8	2	0	9	8	14	0	15	5	5
2016	5	1	0	9	8	15	1	19	3	6
2017	4	7	0	5	10	22	0	19	3	6
2018	12	2	1	5	6	29	0	31	2	6
2019	5	3	1	12	7	20	1	39	5	10
2020	9	3	0	17	7	18	0	41	2	6
2021	8	2	0	12	15	17	0	34	7	2
2022	13	4	0	4	6	20	0	39	0	7

¹ 31 ta' Marzu 2024.

2023	12	4	1	15	6	18	2	48	6	8
2024	4	1	0	2	5	5	0	16	1	2
Total	120	44	10	127	107	285	6	375	43	85


Evoluzzjoni ġenerali tal-attività ġudizzjarja (rinviji għal deċiżjoni
preliminari, 2004-2023)



- It-tkabbir tal-2004 kellu wkoll impatt sinjifikattiv fuq is-sistema lingwistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
- Filwaqt li meta ġiet stabbilita fl-1952, il-Komunità Ekonomika tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) kellha 4 lingwi uffiċjali, it-tkabbir suċċessiv żied dan in-numru: 7 lingwi uffiċjali fl-1974, 8 fl-1981, 10 fl-1986, 12 fl-1995 u **total ta' 21 lingwa uffiċjali fl-2004**. It-tkabbir sussegwenti għal dawn żied dan in-numru għal 24 lingwa uffiċjali bħalissa.
- Kemm it-tressiq tal-kawżi kif ukoll is-sottomissjonijiet orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jistgħu jsiru f'kull waħda mill-24 lingwa uffiċjali u, ħlief fil-każ ta' deroga, id-deċiżjonijiet adottati miż-żewġ qrati huma aċċessibbli fl-24 lingwa. Dan huwa l-prinċipju tal-multilingwiżmu sħiħ.
- *"Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha twaqqaf dipartiment lingwistiku kompost minn esperti li għandhom taħriġ ġuridiku adegwat u għarfien wiesa' ta' diversi lingwi uffiċjali tal-Unjoni."* (Artikolu 42 tar-Regoli tal-Proċedura).
- Din iż-żieda fin-numru ta' lingwi uffiċjali wasslet għal żieda qawwija fin-numru ta' kombinazzjonijiet lingwistiċi: minn 12 fl-1952 għal 420 fl-2004 (552 illum).



COMBINAISONS LINGUISTIQUES



- B'mod partikolari wara t-tkabbir tal-2004, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali implimentaw progressivament sensiela ta' miżuri intiżi li jżidu l-effikaċja u jnaqqsu l-volum ta' xogħol fil-qasam tat-traduzzjoni. B'hekk, huma evalwaw mill-ġdid il-prassi tagħhom ta' publikazzjoni tas-sentenzi u tad-digriet (publikazzjoni selettiva). Bl-istess mod, it-tul tad-dokumenti li kellhom jiġu tradotti tnaqqas u r-rapport tas-seduta tal-Qorti tal-Ġustizzja tħassar. Barra minn hekk, sa mill-2013, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li tippubblika sentenza *in extenso* biss fil-lingwa tal-kawża u li tipprevedi estratti fil-lingwi l-oħra, billi tirriproduċi biss il-punti tas-sentenza li hija tqis opportun li tippubblika. Fl-2014, b'hekk sar tnaqqis ta' 40 % tal-volum ta' xogħol ta' traduzzjoni.

Il-bini

Mil-lat tal-proprjetà immobbli, it-tkabbir tal-2004 ġab miegħu l-estensjoni u r-rinnovazzjoni tal-Palazz tal-Ġustizzja li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet tokkupa fil-Lussemburgu mill-1972 fiż-żona ta' Kirchberg: (ara l-istorja tal-bini: https://curia.europa.eu/jcms/jcms/p1_3943801).